**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN Citta' Beland

Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Seduta** | | 13/15. | | tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013 | | |
| **Data** | | 09/12/15 fis-6.30pm | | | | |
| **Post** | | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | | | |
| **Attendenza** | | | | Sindku Joe Attard | Preżenti | |
| | | | | Viċi-Sindku Maria Dolores Abela | Skużata | |
| | | | | Amanda Abela | Preżenti fi 6.40pm | |
| | | | | Joan Agius | Preżenti fi 7.00pm | |
| | | | | Claude Camilleri | Preżenti u skużat fi 7.10pm | |
| | | | | Raymond Caruana | Preżenti | |
| | | | | Sean Chircop | Preżenti | |
| | | | | Stephania Fenech | Preżenti fi 7.00pm u skużata fi 7.30pm | |
| | | | | Joseph Hales | Preżenti | |
| **Preżenti wkoll** | | | | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | | |
| | | | | Assistent Prinċipal Joanne Muscat | | |
| | | | | Ambaxxatriċi ta' Żgħażagħ Laura Caruana | | |
| **13.** | **1.** | | | **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 13. | 1. | 1 | | Proponent: Joe Hales<br>Sekondant: Sean Chircop | Il-Minuti 11/15 u 12/15 inqraw u ġew approvati nem.con bil-korezzjonijiet kif ġej | |
| | | | 11.8.14 | Tinqara kif ġej:- Disinn għat-tabella għal Ġnien l-Għanejja Żwieten | | |
| | | | 11.8.17 | Tinqata kif ġej:- Youth Common Wealth Forum | | |
| | | | 11.8.19 | L-isem ta' kor jinbidel għal The New Choral Singers | | |
| 13. | 1. | 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |
| **13.** | **2.** | | | **Rapporti mill-Minuti** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 13 | 2 | 1 | 11.2.12 | Caruana - Belishia Lights fi Vjal 25 ta' Nov | Caruana ġibed l-attenzzjoni li dawn għadhom mhux qed jixgħelu. Is-Sindku inkariga l-iSegretarju sabiex jerġa għal darb'oħra jikteb lil Enemalta biex jagħmlu il-*connection*. Caruana fakkar ukoll fuq il-ħġieġ tal-fanali li hemm fuq is- central strip fi l- Vjal 25 ta' Nov. | Segretarju |
| 13 | 2 | 2 | 11.2.13 | Caruana - Bankina fi Triq l-Isqof Emm Galea | Caruana ġibed l-attenzzjoni tal-Kunsill fuq biċċa bankina miksura fi Triq l-Isqof Emm Galea. Is-Sindku ser jara x'jista isir. | Sindku |
| 13 | 2 | 3 | 11.3.9 | Caruana - Gal Xlokk | Caruana talab għal spegazzjoni ta' kif huwa l-operat tal-Gal Xlokk. Hawn hekk is-Sindku reġa' spjega aktar fi dettal. | Sindku |
| 13 | 2 | 4 | 11.2.9 | Chircop - Triq id-Duluri | Chircop informa lil Kunsill li s-sitwazzjoni fi Triq id-Duluri għadha l-istess. Is-Sindku talab lil Hales biex ninfurmaw lil pulizija biex ikunu preżenti fuq il-post speċjalment it-Tlieta u l-Ħamis filgħodu. | Hales |
| 13 | 2 | 5 | 11.3.6 | Chircop - Premju Frans Sammut | Chircop informa lil Kunsill li l-applikazzjoni ta' Premju Frans Sammut giet sottomessa.. | Chircop |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 | 2 | 6 | | 11.8.13 | Chircop - Attivita Hallowen | Chircop informa lil Kunsill li l-ikel li inġabbar waqt din l-attivita twassal għand is-sorijiet tal-Crash li minn naha taghhom rringrazzjaw lil Kunsill ta' dan il-ghan. | Chircop |
| 13 | 2 | 7 | | 11.8.15 | Chircop - Monument tal-Kunsill | Chircop ġibed l-attenzzjoni tal-Kunsill li l-madum tal-monument għadu ma tranġax. Is-Sindku ser jieħu ħsieb. | Sindku |
| 13 | 2 | 8 | | 11.8.16 | Chircop - Bolla Kommemorattiva | Chircop informa lil Kunsill li għal bolla kommemorattiva intagħżlet il-pittura tal-paroċċa il-qadima ta' San girgor tal-pittur Tabone, li ser toħroġ fid 9 ta' Jannar 2016. | Chircop |
| 13 | 2 | 9 | | 11.8.17 | Chircop - Youth Common Wealth Forum | Chircop informa lil Kunsill li l-grupp Zoe attenda ghal dan il-forum li sar bejn l-21 u l-25 ta' Novembru fejn barra li kienet esperjenza sabiħa, tqassmu ukoll il-Heritage Maps taż-Żejtun | Chircop |
| 13 | 2 | 10 | | 11.8.21 | Chircop - Bandist tas-Sena | Chircop informa l-Kunsill li ircevejna nomina waħda biss dik taż-Żejtun Band Club. Qal li ser ser jagħmel kuntatt mas-Segretarju tal-Beland Band Club biex iffakru jibgħat in-nomina min-naħa tagħhom ukoll. | Chircop |
| 13 | 2 | 11 | | 11.8.22 | Chircop - Fiera ta' NGO's | Chircop informa lil Kunsill li il-Fiera ta' NGO's saret u kienet suċċess. | Chircop |
| 13 | 2 | 12 | | 11.2.2 | Hales - Parkegg fi Triq l-Isqof Antonio Zahra | Hales informa lil Kunsill li ġiet approvata t-talba minn TM u twaħħlu t-tabelli neċessarji. | Hales |
| 13 | 2 | 13 | | 11.2.4 | Hales - Litter Bin fi Ġnien Brejġu | Hales informa lil Kunsill li din għadha pendenti | Hales |
| 13 | 2 | 14 | | 11.2.5 | Hales - Gheluq ta` Triq Luqa Briffa | Hales informa lil Kunsill li TM approvat l-għeluq tat-triq għat-traffiku waqt ħruġ ta' l-istudenti tal-iskola sekondarja. | Hales |
| **13** | **3** | | | | **Korrispondenza** | | |

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML07/15. B'riferenza għal:

| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 | 3 | 1 | | 02 | MEPA - PA/04665/15 | Il-Kunsill qabel nem.con li niktbu ittra lil MEPA fejn niġbdu l-attenzzjoni tagħhom sabiex jinżamm il-karattru tal-post u l-inħawi peress li tinsab fil-*village core*. | Segretarju |
| 13 | 3 | 2 | | 05 | Dipt tal-Gvern Lokali - Memo 32/2015 | Is-Sindku qara din il-korrispondenza rigward espressjoni ta' interess għall-impjieg ta' persuni b'diżabilita. Il-Kunsill qabel nem.con li japplika għal din l-iskema. | Segretarju |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 | 3 | 3 | | 06 | TM - Tibdil tir-rotot tal-linja u frekwenzi | Is-Sindku qara u spjega kif ser jagħdu l-karozzi tal-linja. Ġie rrimarkat li l-ħin tar-rotta 84 mhux korretta. Hales ser jiġbed l-attenzzjoni ta' TM waqt laqgħa magħhom li ser isir nhar it-Tnejn 14 ta' Diċembru. Hales spjega kif fl-20 ta' Dicembru ser tidħol fi seħħ li fażi tar-riforma li jmiss tar-rottot 206 u 210. | Hales |
| 13 | 3 | 4 | | 10 | TM - Triq l-Isqof Antonio Zahra | Is-Sindku ġibed l-attenzzjoni tal-Kunsill, fejn qal li aħna bħala Kunsill tlabna għal parking restrictions u mhux għal One Way System. Is-Segretarju ser jerġa jikteb li TM. | Segretarju / Hales |
| 13 | 3 | 5 | | 13 | Ray Abela - TCTC | Is-Sindku qara il-korrispondenza mingħand TCTC u għadiet għall-attenzzjoni tal-Kunsillier Camilleri. | Camilleri |
| 13 | 3 | 6 | | 15 | Stediena Wirt iż-Żejtun | Is-Sindku talab li Segretarju sabiex dan l-invit jintbagħat lil Kunsilliera kollha. | Segretarju |
| 13 | 3 | 7 | | 18 | Is-Sinjura Caroline Schembri | Is-Sindku informa lil Kunsill li rċevejna email mingħand is-Sinjura Caroline Schembri fejn infurmat lil Kunsill li dieħla lura għax-xogħol f'Jannar 2016. | Segretarju |
| **13.** | **4.** | | | | **Ħlasijiet** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 13 | 4 | 1 | | | Tabella tal-Ħlasijiet 13/15 | **Il-Kunsill qabel li isir addenda tal-kont minn għand Francis Camilleri biex isir ħlas ta' €290. Il-Kunsill qabel nem.con. Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 13/15 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarju |
| 11 | 4 | 2 | | | Petty Cash | **Il-Kunsill approva nem.con il-Petty Cash li ntefaq fix-xahar ta' Novembru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €72.27.** | Segretarju |
| 13 | 4 | 3 | | | Talbiet għal Xiri Seduta 13/15 | **Il-Kunsill approva nem.con il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarju |
| 13 | 4 | 4 | | | Lista' ta' kredituri | **Ġiet preżentata lista ta' kredituri pendenti mal-Kunsill li kkonfermaw bil-miktub li ma għandhomx ħlas dovut lilhom mill-Kunsill. Għaldaqstant il-Kunsill qabel nem.con li dawn jinqatgħu minn fuq is-Sage.** | Segretarju |
| 13 | 5 | | | | **Rapport ta' tielet kwart** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 13 | 5 | 1 | | | Rapport ta' tielet kwart<br>Proponent - Joan Agius<br>Sekondat - Sean Chircop | Is-Segretarju spjega fi dettal ir-rapport ta' tielet kwart ta' sena li jkopri bejn Lulju u Settembru 2015. Il-Kunsill approva nem.con dan ir-rapport. | Segretarju |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 | 6 | | | | **Tender WSC - Triq Alfredo Cachia Zammit** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 13 | 6 | 1 | | | Tender WSC - Triq Alfredo Cachia Zammit | Is-Sindku spjega kif it-tender waslet biex tiġi approvata mill-WSC u li ser tiġi tiswa' miljun Ewro. Din ser tieħu madwar 3 xhur biex tiġi finalizzata u xogħol fuq is-servizzi tal-ilma u drenaġġ mistennija li jibdew wara April li ġej. | Sindku |
| 13 | 7 | | | | **Dawl tal-Milied** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 13 | 7 | 1 | | | Dawl tal-Milied | Is-Sindku informa lil Kunsill li l-għarmar u t-tiżjien tad-dawl tal-Milied beda jintrama, Caruana ġibed l-attenzzjoni tal-Kunsill li hemm xi pendenti nieqsa. Is-Sindku spjega li l-armar tad-dawl għadu għaddejj. Il-Kuntrattur informa lil Kunsill li ser ikompli jarma għada u jekk l-Enemalta jagħtuh id-dawl, jixgħel ukoll. | Sindku |
| 13 | 8 | | | | **Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 13 | 8 | 1 | | | Hales - Notice Boards | Is-Sindku qara il-mozzjoni tal-Kunsillier Hales fejn talab lil Kunsill jikkonsidra sabiex jiżdiedu żewġ notice boards oħra, waħda ħdejn il-bus shelter Huxlief fi Triq il-Qadi k/m Triq id-Daħla ta' San Tumas u l-oħra f'Misrah l-Indipendenza ma' Triq Alfredo Cachia Zammit. Il-Kunsill qabel nem.con. | Hales |
| 13 | 8 | 2 | | | Hales - Reserved Parking | Is-Sindku qara mozzjoni tal-Kunsillier Hales fejn talab sabiex l-un/loading bay li hemm fi Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill tinbidel u isir *timed Reserved Parking Bay*. Il-Kunsill qabel nem.con. | Hales |
| 13 | 8 | 3 | | | Camilleri - Nfakkru l-Kittieb Trevor Żahra | Camilleri qara l-mozzjoni tiegħu fejn spjega kif fix-xahar ta' Frar ser isir avveniment fejn ser infakkru il-45 sena mill-ewwel pubblikazzjoni tal-Kittieb Trevor Żahra. Camilleri talab sabiex nixtru l-kotba ta' Żahra li m'hemmx fil-librejja. Camilleri informa lil Kunsill li l-Merlin ser jidħol bi sħab mal-Kunsill għal din l-inizjattiva. Il-Kunsill qabel nem.con | Camilleri |
| 13 | 9 | | | | **Affarijiet oħra jekk meqjusa urġenti** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 | 9 | 1 | | | | Hales - Xogħol ta' Tarmac | Il-Kunsillier Hales ġibed l-atenzzjoni tal-Kunsill li meta sar it-tarmac fil-parti ta' isfel ta' Triq Santa Katarina, ħdejn il-Ġnien wara iċ-ċimtierju u Triq Xrobb l-Għaġin saret ħsara lill-bankini filwaqt li-z-zebgha tal-art ghadha mhux lesta. Is-Sindku rrimarka li minkejja li ingibdet l-attenzjoni tal-Perit inkarigat mix-xogholijiet li saru kif ukoll tal-kuntrattur, is-sitwazzjoni baqghetx ma gietx rimedjata.. Il-Kunsill qabel nem.con li terga tingibed l-attenzjoni tal-Perit u tigi mibghuta kopja lil Ministru tal-Infrastruttura u lic-Chairman ta` TM. | Segretarju |
| 13 | 9 | 2 | | | | Hales - Disigner board u skrivanija | Il-Kunsillier Hales talab lil Kunsill sabiex nidispondu minn Disigner board kif ukoll minn skrivanija propjeta` tal-Kunsill li jinsabu fit tromba tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel nem.con li jintalab il-parir tal-Perit dwar x'jista isir mill- board filwaqt li l-iskrivanija ghandha tittiehed il-Kids` Club. | Hales |
| 13 | 9 | 3 | | | | Chircop - Attivitajiet | Il-Kunsillier Chircop informa lil Kunsill li fi 23 ta' Dicembru ser jiġi organizzat Hike għal Ħad-Dingli / il-Girgenti. Fi 30 ta' Diċembru ser isir il-Kunċert tal-Milied. Waqt il-Kunċert x'~~ser tingħata donazzjoni~~ għall-parroċċa. b'ikonoraiment ser issir ġabra | Chircop |
| 13 | 9 | 4 | | | | Chircop - Ġieħ iż-Żejtun Proponent Raymond Caruana Skeondat Amanda Abela | Il-Kunsillier Chircop informa lill- Kunsill l,i din is-sena id-19 ta' Marzu ser ikun jum id-Duluri u ghaldaqshekk ghandha ticcaqlaq id-data ta` din l-attivita`. Il-Kunsill qabel nem.com li din ticcaqlaq ghall-31 ta' Marzu. Sar qbil ukoll li minn din is-sena jiġu emendati r-regolamenti għal Ġieħ iż-Żejtun billi dan jinfetaħ ukoll għal min hu Żejtuni iżda ma joqgħdx iż-Żejtun u għamel kontribut siewi fiż-Żejtun. In-nominat irid ikun ta minn tal-inqas 10 snin kontribut jew servizz fiż-Żejtun. Tqajjmet wkoll il-mistoqsija li l-persuna tista ma tkunx miż-Żejtun. | Chircop |
| 13 | 9 | 5 | | | | Chircop - Konkors Letterarju | Il-Kunsillier Chircop informa lil Kunsill li ser jerġa jitella' il-Konkors Letteraju, poeżiji, djaletti etc.. | Chircop |
| 13 | 9 | 6 | | | | Chircop - Grupp Zoe | Il-Kunsillier Chircop informa lil Kunsill li l-Grupp Zoe qed jagħmel survey maż-żgħazagħ Żwieten dwar il-ħajja taż-Żwieten fiż-Żejtun. | Chircop |
| 13 | 9 | 7 | | | | Chircop - Dust Bins | Il-Kunsillier Chircop irrimarka li fil-post fejn jintrama s-suq ma hemmx recipjenti tal-iskart. Is-Sindku spjega li kif dan ikun qed izarma, ikun diġa nbeda t-tindif mill-haddiema tad-Direttorat tal-Indafa Pubblika. | Hales |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 | 9 | 8 | | | Chircop - Triq l-Kastellan | Il-Kunsillier Chircop ġibed l-attenzjoni li, fi Triq il-Kastellan fil-parti ta' fuq hemm bżonn li jsiru il-parking bays. Wara diskussjoni sar qbil li, peress li parti msemmi hi sostanzjali idjaq mill-parti l-ohra tat-triq minhabba li ghad ma hix zviluppata , ma hux vijabbli li dawn isiru. Il-Kunsillier Caruana rrimarka li, f'patijiet ohra tat-triq hemm il-parking bays li jetieg jigu mizbugha mill-gdid. | Hales |
| 13 | 9 | 9 | | | Chircop - Ġibjun fi Triq Pres A Buttiġieġ | Il-Kunsillier Chircop ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li hemm problema bil-ġibjun ta' Triq Pres A Buttiġieġ, għax meta tagħmel ix-xita teghreq it-triq. Din il-problema ilha hekk minn meta nbena l-ġibjun għax dan meta jimtela ma għandux overflow. Fil-fatt il-Kunsill ilu snin li ġibed l-attenzzjoni dwar dan lill-Awtorita konċernata. | Sindku |
| 13 | 9 | 10 | | | Caruana - Zebra Crossing | Il-Kunsillier Caruana talab biex isir Zebra Crossing ħdejn l-iskola sekondarja. Il-Kunsill ġie infurmat li diġa tressqet l-applikazzjoni quddiem TM. | Hales |
| 13 | 9 | 11 | | | Caruana - Misraħ Karlo Diacono | Ingibdet l-attenzjoni li fuq il-bankina ħdejn Pomroy Grocer Store hemm tappiera miksura. Is-Sindku ser jiehu hsieb li din tissewwa. | Sindku |
| 13 | 9 | 12 | | | Caruana - Bankina u wires bla uzu fi Triq Luqa Briffa | Il-Kunsillier Caruana talab biex a) issir bankina quddiem il-Pet Shop fi Triq Luqa Briffa. Wara diskussjoni il-Kusnill ma qabilx li din hi possibli minhabba li, dik il-parti tat-triq hija dejqa ħafna, iżda sar qbil biex isir bollard biex il-karozzi ma jipparkjaw. b) Gie rrimarkat ukoll li fl`istess triq hemm ħafna wires bla użu. Il-Kunsill qabel nem.con tingibed l-attenzjoni tal-entitajiet koncernati. | Sindku / Segretarju |
| 13 | 9 | 13 | | | Caruana: Triq il-Labour | Il-Kunsillier Caruana issugerrixa li d-direzzjoni tat-traffiku ta` madwar il-Gamblu Confectionery li nfetah dan l-ahhar fi Triq il-Labour, idur bil-kontra. Hales gie mitlub sabiex jaghmel il konsultazzjoni mehtiega dwar dan u f'kas li jkun hemm qbil ssir it-talba mehtiega lil TM. | Hales |
| 13 | 9 | 14 | | | Caruana: Bins fil-pjazza | Il-Kunsillier Caruana talab biex isiru il-bins fil-Pjazza. Hales qal li f'laqgha precedenti diga semma li saret tal-lid-Direttorat tal-Indafa Pubblika bil-possibilta li dawn jigu provduti minnhom. | Hales |
| 13 | 9 | 15 | | | Agius - Kids Club | Il-Kunsilliera Agius infurmat lil Kunsill li l-Kids Club qegħdin isiru r-rigal tal-Milied mit-tfal bl-affarijiet reċiklabbli taħt li-skema Waste Reduction. | Agius |
| 13 | 9 | 16 | | | Agius - Pantomina tal-Milied | Il-Kunsilliera Agius infurmat lil Kunsill li l-Pantomina tal-Milied ser isir fi 26 u 27 ta' Diċembru fil-Kids Club. Din il-Pantomina inkitbet minn Andre Mifsud li l-Kunsill qabel li huwa kittieb promettenti ħafna u ħaqqu ringrazzjament. | Agius |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 | 9 | 17 | | | Agius - Attivitajiet | Il-Kunsilliera Agius infurmat lil Kunsill li ser isiru diversi attivitajiet li jinkludu weekend break bejn il-11 u t-13 ta` Dicembr, mawra f`Ghawdex fit 2 ta` Jannar u Dinner Dance fid-9 ta` Jannar | Agius |
| 13 | 9 | 18 | | | Agius - Kalendarju | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li l-Malta Tourism Authority nidiet kalendarju għas-sena 2016 dwar snajja artigjanali maltin fejn gew involuti diversi personaggi zwieten. | Agius |
| 13 | 9 | 19 | | | Agius - Tabella ħdejn tal-Ħniena | Il-Kunsilliera Agius irringrazzjat lil Kunsillier Hales ghat tabella li twahhlet hdejn il-Knisja tal-Madonna tal-Hniena dwar il-parking | Hales |
| 13 | 9 | 20 | | | Agius - Triq id-Duluri | Il-Kunsilliera Agius infurmat lil Kunsill li fi Triq id-Duluri, qed ikun hemm ħafna storbju bil-lejl wara il-11.00pm minħabba l-uffiċċju tal-Posta. Il-Kunsill qabel li niktbu lil Head tal-Posta. | Segretarju |
| 13 | 9 | 21 | | | Agius - Bankina f'tal-Ħniena | Il-Kunsilliera Agius talbet biex tigi msewwija l-bankina f`Misrah Dom MIntoff. Is-Sindku x'ser jara x'jista' jsir fil-programm ta' xogħlijiet s-sena dieħla. | Sindku |
| 13 | 9 | 22 | | | Hales - L-impjegat Angelo Caruana | Il-Kunsillier Hales ġibed l-attenzzjoni tal-Kunsill li l-impjegat Angelo Caruana temm iz-zmien tal-prova tieghu fl`impieg tiegħu. Wara diskussjoni dwar il-kwalitajiet pozittivi tas-Sur Caruana, il-Kunsill qabel nem com li jigi kkonsidrat bhala mpjegat fuq bazi permamenti. | Segretarju |
| 13 | 9 | 23 | | | Sindku - Child Day Care Centre Services Agreement<br>Proponent:- Caruana<br>Sekondat:- Chircop | Is-Sindku flimkien mas-Segretarju informa lil Kunsill li l-Fondazzjoni responsabbli mic-Child Day Care Centre resqet tlett Services Agreement biex il-Kunsill jipprovdi:- 1. Tindif tal-Area ta' barra 2. Maintenance tal-Post infissu 3. Żamm tal-accounts / salarji / leave u sick etc... dan ser jiġi formalizzat għat-tlett snin li ġejjien. Il-Kunsillier Raymond Caruana ippropona u sekondat mill-Kunsillier Sean Chircop li l-Kunsill jaċċetta dawn l-agreements. Il-Kunsill approva nem.con | Sindku / Segretarju |
| 13 | 9 | 24 | | | Segretarju - Leave Annwali | Is-Segretarju talab lil Kunsill sabiex jiggedded il-leave annwali li fadallu mis-sena 2015 għas-sena 2016. Il-Kunsill qabel nem.con | Segretarju |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.35pm. Laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa 20 ta' Jannar, 2016 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| Joe Attard | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| 20-11-2016 | |